# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors Ġuramentat numru 127/2007/1 JVC**

**Ġużeppa Portelli; u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2011 il-kawża tkompliet f'isem Mary Lourdes Piscopo wara l-mewt tal-attriċi Ġużeppa Portelli**

***v.***

**Direttur Uffiċju Konġunt; u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 Benigna Portelli ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*; u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2015 il-kawża tkompliet f'isem Joseph Portelli, Paul Portelli, Anġelo Portelli, Michael Portelli, Rita Theuma u Mary Lourdes *sive* Mary Mifsud wara l-mewt ta' Beligna Portelli**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru 2017 li sabet illi d-deċiżjoni meħuda mill-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt fl-ittri tiegħu tad-9 ta' Lulju 2007 u tat-3 ta' Ottubru 2007 – li biha ddikjara illi l-attriċi Ġużeppa Portelli (llum mejta) ma għandha l-ebda dritt li tingħaraf bħala kerrejja tal-art mertu tal-każ tal-lum

– kienet waħda valida, ġusta u skond il-liġi u għaldaqstant ċaħdet it-talbiet tal-istess attriċi sabiex din id-deċiżjoni tiġi dikjarata bħala nulla, invalida u bla effett.

2. Il-fatti tal-każ tal-lum huma dawn: Angelus Portelli, missier l-attriċi Ġużeppa Portelli (llum mejta) kellu b'kera biċċa art … fin-Nadur Għawdex.

3. Matul ħajtu Angelus Portelli dejjem għex fir-razzett li jinsab fuq din l-art u l-attriċi Ġużeppa kienet tgħix miegħu u baqgħet toqgħod hemm ukoll wara mewtu. Sa ma miet Angelus baqa' jaħdem ir-raba' bl-għajnuna ta' wliedu Ġużeppa, l-attriċi, u Emanuel Portelli, għalkemm l-intervenuti fil-kawża jgħidu illi Ġużeppa ma kinitx taħdem ir-raba' kollu iżda biss ġardina madwar ir-razzett.

4. Meta kien għadu ħaj, Angelus Portelli waħdu kien magħruf bħala kerrej tal-art u fil-fatt il-kera dejjem tħallas minnu jew inkella minn bintu Ġużeppa f'ismu. Ir-riċevuti tal-kera dejjem ħarġu fuq ismu.

5. Madanakollu, wara li ġie nieqes Angelus Portelli, l-kirja nqalbet fuq ibnu Emanuel Portelli u l-kera beda jitħallas minnu, u dan bis-saħħa ta' kitba privata tal-25 ta' Ġunju 1978 allegatament iffirmata minn ħutu li biha taw il-kunsens tagħhom sabiex il-kirja ddur fuqu. Din il-kitba privata tgħid hekk:

> »Aħna li hawn taħt iffirmati Karmelu Portelli, Maria mart Karmelu Muscat, Ġużeppa Portelli xebba, Pietra mart Salvu Muscat, Antonia mart il-mejjet Ġanni Portelli u Maria Portelli xebba bint il-mejtin Karmela Portelli lkoll ulied il-mejtin Anġlu Portelli u Grezzja *née* Said imwieldin u joqgħodu n-Nadur Għawdex nawtorizzaw lil ħuna Emmanuele Portelli li joqgħod … sabiex iddawwar il-post li qiegħed … u r-raba' li hemm miegħu msejjaħ … li kien fuq il-mejjet missierna Anġlu Portelli.«

6. Meta fit-18 ta' Frar 1993 l-art ġiet trasferita mill-Knisja lill-Gvern ta' Malta, id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt għaraf lill-imsemmi Emanuel Portelli bħala kerrej waħdu tal-art u tar-raba' li dwarhom saret il-kawża.

7. Fl-1 ta' Lulju 1996, wara li miet Emanuel Portelli, d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' ["Kap. 199"] beda jagħraf lil martu Benigna bħala kerrejja, u l-kera beda jitħallas minnha.

8. F'Ġunju tal-2007 l-attriċi kitbet lid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt sabiex jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu u jibda jagħraf lilha bħala kerrejja jew għall-inqas bħala ko-kerreja ta' din l-art u razzett. Id-dirretur iżda wieġeb li t-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa' u b'ittra tad-9 ta' Lulju 2007 fisser ir-raġunijiet għal dan:

> »Nixtieq ninfurmak li l-proprjetà hawn fuq imsemmija ġiet trasferita lill-Gvern mill-Knisja bi qbiela f'isem Emmanuel Portelli. It-trasferiment fuq il-mara ta' Emmanuel, Belinja, saret skond Kap 199 ta' Liġijiet ta' Malta.
>
> »Jiddispjaċini ninfurmak li t-talba ta' Ġużeppa ma' tistax tiġi milqugħa minħabba li ma għandiex dixxendenza linejari ma' Emmanuel.«

9. F'ittra oħra tat-3 ta' Ottubru 2007 id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt reġa' tenna l-pożizzjoni preċedenti tiegħu. Hu qal hekk:

> »B'riferenza għall-ittra tiegħek tat-13 ta' Settembru 2007 u tal-20 ta' Lulju 2007, nixtieqek illi terġa' tirreferi għall-ittra mibgħuta lilek fid-9 ta' Lulju 2007, fejn inti ġejt diġà infurmat uffiċċjalment bil-posizzjoni tad-Dipartiment, kemm għar-rigward tat-titolu tal-proprjetà kif ukoll rigward it-talba tal-klijenta tiegħek.«

10. Billi ma qablitx ma' din id-deċiżjoni tad-direttur konvenut, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-konvenut kif prodotta fl-ittra … tad-9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 hija waħda mogħtija abbużivament in

kwantu hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija waħda kontra il-liġi, diskriminatorja u *ultra vires*;

»2. konsegwentament tannulla u tirrexxindi d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt;

»3. tordna lid-Direttur tal-Uffiċju Konġunt sabiex jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu;

»4. tagħti kull ordni oħra li jidrilha opportun fiċ-ċirkustanzi.

»Bl-ispejjeż … … …«

11. Id-direttur konvenut wieġeb hekk:

»It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet:-

»1. kuntrarju għal dak allegat fir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma għandha ebda titolu jew dritt fil-liġi li tiġi rikonoxxuta mill-esponent, u dan *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

»2. mhux minnu illi l-esponent aġixxa b'mod diskriminatorju, abbużiv jew illegali veru r-rikorrenti billi d-deċiżjoni meħuda minnu saret skond il-liġi kif inhi ċitata aktar il-fuq;

»3. id-deċiżjoni tal-esponenti ġiet mgħarrfa u spjegata lir-rikorrenti permezz ta' diversi korrispondenza, u għaldaqstant il-proċeduri infetħu inutilment;

»4. it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.

12. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tad-direttur konvenut, tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.«

13. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»F'din il-kawża Ġużeppa Portelli (illum mejta) tattakka rikonoxximent li sar fuq qbiela ta' raba' magħruf bħala … Għawdex kontenenti razzett li jġib indirizz … Għawdex u ssostni li kellha tkun hi li suppost ġiet rikonoxxuta bħala inkwilina mhux ħuha Emanuel Portelli u konsegwentement l-eredi tiegħu jew li almenu kellha tkun rikonoxxuta bħala ko-inkwilina miegħu.

»Mhux kontestat fl-atti li missier l-attriċi u missier Emanuel Portelli Angelus Portelli kien l-inkwilin oriġinali tal-porzjon art in kwistjoni u li huwa baqa' jgħix ġo dan ir-razzett u jaħdem dan ir-raba' sa mewtu flimkien ma' martu u bintu l-attriċi Ġużeppa Portelli. Ħadd mill-partijiet ma jikkontesta l-fatt li Ġużeppa Portelli twieldet u għexet ħajjitha kollha fir-razzett li jifforma parti minn din ir-raba'. Tant hu hekk li l-intervenuta

fil-kawża Benigna Portelli fis-16 ta' Mejju 1996 kienet anki għamlet dikjarazzjoni lill-uffiċċju konvenut fejn sostniet kif isegwi:

> »"B'referenza għad-dikjarazzjoni mibgħuta in konnessjoni mad-dar numru … Nadur datata 30 ta' Marzu 1996 nixtieq inżid li f'din id-dar għadha tgħix Giuseppa Portelli, li tiġi oħt l-mejjet Emanuel Portelli;
>
> »"U twieldet ġo dik id-dar flimkien ma' ħutha kollha inkluż Emanuel Portelli, u baqgħet tghix fiha anke wara li ħutha kollha żżewġu u wara anke l-mewt tal-ġenituri tagħhom, fejn għadha tghix hemmhekk sallum.
>
> »"Xhud ta' din se ntik l-*I.D. Card* taghha li huwa 065521 G.
>
> »"M'hemmx ukoll kontestazzjoni bejn il-partijiet li din l-art u dan ir-razzett oriġinarjament kienu proprjetà tal-Knisja mentri llum wara l-ftehim bejn il-Knisja u l-Gvern saru proprjetà tal-esponent [*sic*] Direttur tal-Uffiċċju konġunt u fuqhom titħallas il-qbiela llum mill-eredi ta' Emanuel Portelli."

»M'hemmx ukoll kontestazzjoni li, sakemm kien għadu ħaj Angelus Portelli, Emanuel Portelli kien jgħin lil missieru jaħdem l-istess raba'. L-attriċi ssostni li flimkien ma' Emanuel Portelli hija kienet ukoll tgħin lil missierha u wara l-mewt ta' missierha baqgħu jaħdmu l-istess raba' hi u Emanuel Portelli. Dwar dan il-punt ma hemmx qbil bejn il-partijiet salv iżda li l-intervenuti fil-kawża lkoll jikkonfermaw li jekk l-attriċi ma kinitx taħdem ir-raba' kollha kienet żgur taħdem ġiardina madwar ir-razzett formanti parti mill-istess raba' u dan sabiex tagħmel ħaxix tal-borma u xi fjuri.

»Jirriżulta mill-provi esebiti li wara li ġie nieqes Angelus Portelli fis-sena 1974 il-Knisja dawwret din il-qbiela fuq Emanuel Portelli. Jirriżulta li dan kien qabel ma l-art għaddiet għand il-Gvern ta' Malta u *cioè* ma kienx għadu sar responsabbli tal-art in kwistjoni d-direttur konvenut. Fis-snin preċedenti li l-kirja bdiet issejjaħ lil Emanuel Portelli, kien hemm xi snin fejn il-qbiela tħallset mill-attriċi Ġiuseppa Portelli għan-nom ta' missierha li iżda kien mejjet. Mis-sena 1978 'il quddiem jirriżultaw irċevuti maħruġa mill-prokuratur responsabbli ta' dak iż-żmien imqabbad mill-Knisja f'isem ħu l-attriċi Emanuel Portelli. Mill-atti f'dan il-proċess u minn dawk annessi jirriżulta li dan ir-raba' kienet inqalbet mill-Knisja (enti proprjetarju Monasteru ta' Sant Ursola) unikament fuq Emanuel Portelli probabbilment riżultat ta' skrittura privata … li taqra kif isegwi:

> »"Aħna li hawn taħt iffirmati Karmelu Portelli, Maria mart Karmelu Muscat, Ġużeppa Portelli xebba, Pietra mart Salvu Muscat, Antonia mart il-mejjet Ġanni Portelli u Maria Portelli xebba bint il-mejtin Karmela Portelli lkoll ulied il-mejtin Anglu Portelli u Grezzja *née* Said imwildin u joqgħodu n-Nadur Għawdex nawtorizzaw lil ħuna Emmanuele Portelli li joqgħod … Għawdex sabiex idawwar il-post li qiegħed … Nadur u r-raba' li hemm miegħu … li kien fuq il-mejjet missierna Anglu Portelli."

»Din l-iskrittura ġġib id-data tal 25 ta' Ġunju 1978. Din l-istess skrittura tidher li hija ffirmata mill-persuni kollha msemmija fiha inkluż Giuseppa Portelli l-attriċi u bħala xhud tal-firma tidher il-firma tal-Kanonku Antonio Borg.

»Fil-mori tal-kawża odjerna l-attriċi allegat li l-firma fuq din l-iskrittura ma kinitx tagħha u anki allegat li kien hemm firem oħra li kienu gew iffalsifikati liema allegazzjoni kienet suġġett għall-kawża oħra bin-numru 105/2008 u li kienet deċiża kif isegwi:

> »"Fil-fehma tal-qorti l-kawża odjerna saret inutilment, in kwantu l-kwistjoni dwar jekk il-firma ta' Giuseppa Portelli fl-iskrittura datata 25 ta' Ġunju 1978 saritx mill-attriċi setgħet faċilment ġiet trattata u deċiża fil-kawża numru 127/2007 li issa qiegħda tistenna l-eżitu ta' din il-kawża. F'dik il-kawża l-iskrittura in kwistjoni, jew aħjar kopja tagħha, ġiet preżentata minn Raymond Bonnici, *property ,anage*r tal-Kurja. Fl-artikolu 634 u 635 tal-Kap. 12 insibu r-regoli dwar firem u sinjali b'salib flok firem, u x'jiġri meta tiġi kontestata firma. Meta l-attriċi xehdet fit-12 ta' Novembru 2008 iddikjarat li l-firma Giuseppa Portelli li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Ġunju 1978 m'hijiex tagħha u wara qalet "… ma naħsibx li hija tiegħi". L-attriċi ma kellhiex għalfejn toqgħod tagħmel kawża sabiex tikkontesta li l-firma *Ġużeppa Portelli* saret minnha.
>
> »"Mill-provi jirriżulta li l-Uffiċċju Konġunt, wara l-mewt ta' Emanuel Portelli, irrikonoxxa lil martu (Beligna Portelli) bħala inkwilina. Mill-atti jirriżulta li dan sar b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 199. Mill-provi jidher li l-kirja li kellu Michelangelo Portelli kienet ta' fond rustiku, fis-sens li r-razzett kien intiż għall-abitazzjoni ta' dawk li jieħdu hsieb bil-ħidma u xogħol tagħhom tal-koltivazzjoni tar-raba'. Għalhekk fil-fehma tal-qorti jidher li f'dan il-każ japplikaw il-provvedimenti tal-Kap. 199.
>
> »"L-attriċi qalet li ma ffirmatx id-dokument in kwistjoni. Il-konvenuta Rita Theuma xehdet li twieldet fl-1964 u li kienet għamlet it-*typing* tal-dokument oġġett ta' din il-kawża. Qalet ukoll li "… dan id-dokument kien ġie ffirmat miz-zija Peppina u Carmelo Portelli, li hu z-ziju l-kbir fost l-aħwa, fil-preżenza ta' Dun Karm Portelli, ommi u missieri. Jien kont preżenti. Konna qegħdin fid-dar fejn tgħix Peppina fil-bitħa. Nikkonferma li l-papà kellu sitt aħwa, dawk li ffirmaw l-iskrittura. Jiena tnejn biss rajthom jiffirmaw l-iskrittura, Carmelo Portelli u z-zija Peppina". Il-qorti għandha d-dubji serji kif Rita Theuma li fl-1978 kien għad għandha biss 14-il sena, għadha tiftakar xi ħaġa bħal din. Dan iktar u iktar meta fir-risposta ġuramentata l-konvenuti, inkluż Rita Theuma, iddikjaraw li xhieda tal-firem tad-dokument in kwistjoni huma biss Beligna Portelli u Kanonku Dun Antonio Borg. Għalkemm Beligna Portelli qalet li kienet preżenti meta l-attriċi ffirmat l-iskrittura, in kontro-eżami l-ewwel qalet li ma kienx ġie iffirmat xi dokument bejn l-aħwa dwar il-fond in kwistjoni u eżatt wara li ma kenitx taf.
>
> »"Il-perit ġudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante esprimiet il-fehma li l-firma *Ġużeppa Portelli* li hemm fl-iskrittura oġġett tal-kawża probabbilment ġiet falsifikata. Waslet għal din il-konklużjoni wara li rat il-karta tal-identità tal-attrici numru 65521G u karta ta' identità, iktar antika, bin-numru 174121. Sfortunatament illum l-attriċi m'hijiex f'kundizzjoni ta' saħħa li tiffirma. M'hemmx dubju li anke mad-daqqa ta' għajn il-firma tal-attriċi fil-karta tal-identita 174121 hi għal kollox differenti minn dik li tidher fl- iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978. Il-firma fil-karta tal-identita 174121 presumibilment saret fis-snin sebgħin meta tikkunsidra li l-Att dwar il-Karti tal-Identità (Kap. 258) kien daħal fis-sehh fl-1 ta' Ġunju 1976.
>
> »"Il-perit ġudizzjarju Dr Juliana Scerri Ferrante rat ukoll il-karta tal-identità numru 65521G li kienet valida mit-22 ta' Frar 2002 sat-30

ta' Settembru 2006. Il-qorti rat kopja ta' dan id-dokument għalkemm ma ġiex preżentat mill-attriċi man-nota tad-19 ta' Ottubru 2010. Il-firma fuq dan id-dokument tidher ukoll differenti minn dik li hemm fl-iskrittura in kwistjoni, u tvarja wkoll minn dik fuq il-karta tal-identità numru 174121. Għalkemm hu minnu li idejalment kienu jiġu preżentati iktar dokumenti uffiċjali bil-firma tal-attriċi, però l-firma *Ġużeppa Portelli* li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 hi tant differenti minn dik li tidher fil-karta tal-identità 174121, li l-qorti hi moralment konvinta li l-attriċi m'hijiex l-awtriċi ta' dik il-firma.

»"Hemm ċertezza li, wara l-mewt tal-ġenituri, l-attriċi baqgħet tgħix fil-post. F'ittra datata 16 ta' Mejju 1996 mibgħuta mill-konvenuta Beligna Portelli lill-Uffiċċju Konġunt ikkonfermat li fid-dar kienet għadha tgħix l-attriċi: "U twieldet ġo dik id-dar flimkien ma' ħuta kollha inkluż Emanuel Portelli, u baqgħet tgħix fiha anke wara li ħutha kollha żżewġu u wara anke l-mewt tal-ġenituri tagħhom, fejn għadha tgħix hemmhekk sallum". Fl-1978, meta suppost l-attriċi ffirmat id-dokument in kwistjoni, Emanuel Portelli kien diġà miżżewweġ lil Beligna Portelli u huma kien jgħixu f'dar fi Triq il-Mitħna l-Qadima, Nadur, Ghawdex. Madankollu jidher li Emanuel Portelli kellu interess li l-kirja tinqaleb f'ismu, minkejja li kien miżżewweġ u kien igħix band'oħra. Kien b'seħħ minn Awwissu 1978 li r-riċevuta tal-kera bdiet toħroġ f'isem Emanuel Portelli. Mill-provi ma jirriżultax bl-iktar mod ċar kif l-attur wasal sabiex ikkonvinċa lill-awtoritajiet ekklesjastiċi sabiex jirrikonoxxuh bħala inkwilin.

»"Permezz ta' ittra datata 3 ta' Marzu 1979 Emanuel Portelli bagħat igħarraf lil ċertu Dun Karm li:

> »"'Jiena ħassejt il-bżonn li għandi ninformak fuq ir-razzett li, qegħdin fih oħti Ġużeppa u jien, għaliex Mikiel oħt Maria qalli li ġie fejnek u qal li int għidtlu li lili u lil oħti Ġużeppa u li ħija Karmnu se tkeċċina 'l barra u tagħtiħ lilu kollu ċens perpetwu. Għalhekk aħna nħossuna inkwetati ħafna b'dan il-kliem … … … Aħna nħossu li twelidna hemm ġew u għadna ngħixu hemm ġew, għandna kull dritt li nibqgħu ngħixu hemm ġew daqs kemm għandhom dritt huma. Ngħidlek ukoll li jekk kemm-il darba tagħmel xi ħsieb li r-razzett fejn noqgħod jien u oħti trid tbigħulna aħna nixtruħ.'

»Minn din l-ittra jirriżulta li terzi kienu qegħdin jipprovaw jixtru l-proprjetà.

»F'*affidavit* li għamlet l-attriċi fil-15 ta' Jannar 2008 xehdet:

> »"'Naf li wara l-mewt ta' missieri l-kirja kienet daret fuq ħija Emanuel iżda ħija naf li anke kellem avukat sabiex il-kirja tiġi fuqi u fuqu. L-avukat li kien kellem kien l-avukat Michael Grech illum mejjet. Naf li kienet inkitbet xi ittra dwar dan.'

»"Ir-realtà hi li wara l-mewt tal-ġenituri, l-attriċi kellha kull dritt bis-saħħa tal-liġi li tibqa' tgħix fil-fond in kwistjoni u tiġi rikonoxxuta bħala inkwilina. Il-qorti ma tistax tifhem x'raġuni seta' qatt kellha li l-attriċi li tirrinunzja għad-dritt ta' inkwilinat. Il-konvenuti jsostnu li sar hekk għaliex l-attriċi ma riditx tħallas il-kera. Però mill-provi rriżulta li l-attriċi kienet qiegħda tħallas kera. Hu stramb ukoll kif Emanuel Portelli, wara li Ġużeppa Portelli suppost iffirmat l-iskrittura tal-25 ta' Ġunju 1978, fl-ittra tat-3 ta' Marzu 1979 qal li hu u oħtu (l-attriċi) kienu interessati li jixtru l-proprjetà. Jekk il-firma

*Ġużeppa Portelli* hi tal-attriċi, jistona wkoll kif fit-12 ta' Awwissu 1991 Maria Camilleri, neputija tal-attriċi, bagħtet ittra lill-Kurja fejn iddikjarat: "Kellna biċċa art … fin-Nadur li kienet f'idejn iz-ziju tiegħi Emanuel Portelli. Parti minnha ħadha l-gvern biex jibni l-*plots*. Jekk jogħgbok tista' tgħidilna r-razzett u dak li fadal huwiex f'idejkom jew ħadux il-gvern? Qed niktiblek ħalli, fil-każ li għadu għandkom, aħna nixtiequ nixtruh. Jekk inhu hekk għidli x'għandi nagħmel".

»"Wara li l-qorti qieset iċ-ċirkostanzi li jissemmew hawn fuq, hi tal-fehma li fuq bażi ta' probabbilità l-firma *Ġużeppa Portelli* fuq l-iskrittura tal-25 ta' Gunju 1978 m'hijiex tal-attriċi. F'kull każ il-qorti qiegħda tagħmilha ċara li din id-deċiżjoni ma tfissirx li l-posizzjoni ta' Beligna Portelli qiegħda tiġi preġudikata, kwistjoni li għad trid tiġi determinata fil-kawża l-oħra <u>Ġużeppa Portelli *v.* Direttur Uffiċċju Konġunt</u> (rikors numru 127/2007).

»Għal dak li jirrigwarda t-talba relatata mal-firem ta' Maria Muscat u Maria Portelli fl-iskrittura in kwistjoni, fil-fehma tal-qorti din hi materja li ma tista' tagħti l-ebda benefiċċju lill-attriċi. L-istess japplika fir-rigward tal-ilment li l-iskrittura m'hijiex iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli. Fil-fehma tal-qorti kieku rriżulta li l-attriċi ffirmat l-iskrittura, ma setghet tieħu l-ebda benefiċċju mill-fatt li l-iskrittura ma tkunx ġiet iffirmata mill-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli u li xi firem m'humiex ta' wħud mill-werrieta tieghu.

»"Għal dawn il-motivi l-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

»"1. tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni;

»"2. tiċħad it-tielet eċċezzjoni;

»"3. tiddikjara li l-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku sabiex tattakka l-firem ta' persuni oħra li hemm fl-iskrittura tal-25 ta' Ġunju 1978 u l-fatt li mhux il-werrieta kollha ta' Michelangelo Portelli ffirmaw l-iskrittura;

»"4. tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti u tiddikjara:-

»"i. l-firma Ġużeppa Portelli li tidher fl-iskrittura datata 25 ta' Ġunju 1978 m'hijiex tal-attriċi.

»"ii. l-iskrittura datata 25 ta' Ġunju 1978 ma torbotx lill-attriċi.

»"Tordna li l-ispejjeż ikunu kollha a karigu tal-attriċi minħabba li din il-kawża saret inutilment. B'dan li l-ispejjeż relatati mal-perizja ta' Dr Juliana Scerri Ferrante hi a karigu tal-konvenuti, peress li dan l-eżercizzju kien xorta jkollu jsir kieku din il-kawza ma saritx."

»Jirriżulta lil din il-qorti li, għalkemm din id-deċiżjoni ġiet appellata, salv għall-kap tal-ispejjeż, id-deċiżjoni fil-prim'istanza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell.

»Jirriżulta wkoll mill-provi fl-atti li huwa fl-istadju ta' wara l-mewt ta' ħu l-attriċi Emanuel Portelli li d-Direttur konvenut daħal fix-xena u dan *stante* li ġie mitlub jirrikonoxxi lill-eredi tal-istess Emanuel Portelli bħala inkwilini tar-raba' u *cioè* l-intervenuti fil-kawża odjerna. Fl-atti jirriżultaw lil din il-qorti ittri lkoll datati fis-sena 2007 fejn l-avukat tal-attriċi beda jinsisti li l-kirja kellha tinqaleb fuq l-attriċi bħala inkwilina jew almenu ko-inkwilina tal-art u r-razzett u mhux fuq l-eredi ta' Emanuel Portelli. Min-naħa tiegħu d-direttur konvenut permezz ta' ittri datati 9 ta' Lulju

2007 u 3 ta' Ottubru 2007 insista li l-pożizzjoni meħuda minnu kienet legalment korretta. Is-Sur Vincent Gilson in rappreżentanza tad-direttur konvenut li xehed diversi drabi f'dawn il-proċeduri u anki esebixxa diversa dokumentazzjoni relatata li kellu fil-proċess tiegħu, filwaqt li kkonferma li d-dipartiment kien infurmat li l-attriċi kienet tirrisjedi sa mit-twelid fir-razzett in kwistjoni qabel ma ħa d-deċizjoni li jirrikonoxxi l-eredi ta' Emanuel Portelli, jikkonferma u jinsisti li d-deċizjoni meħuda kienet waħda legalment korretta *ai termini* tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt dan ix-xhud jinsisti li meta l-art għaddiet għand il-Gvern ta' Malta mill-Knisja, il-Knisja ġà kienet irrikonoxxiet lil Emanuel Portelli bħala l-uniku inkwilin tar-raba' in kwistjoni u għaldaqstant meta ġew rikonoxxuti l-eredi tiegħu d-dipartiment, dejjem skont dan ix-xhud, mexa eżatt ma' dak li tiddetta l-liġi u xejn aktar. Fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' April 2008 huwa jixhed kif isegwi:

> »"Nikkonferma illi l-kirja in kwistjoni kienet ingħatat oriġinarjament mill-Knisja, imbagħad meta sar il-ftehim bejn l-Istat Malti u l-Knisja l-proprjetà għaddiet f'idejn il-*Joint Office*. Meta il-proprjetà għaddiet għand il-gvern ir-*registered lessee* kien Emanuel Portelli … … … L-irċevuti tal-Knisja huma f'isem Emanuel Portelli … … … Mir-*records* tiegħi, anzi mill-*file*, meta l-art ġiet mill-Kurja kienet reġistrata f'isem Emanuel Portelli. Jiena nikkonferma li bħala uffiċċju aħna qegħdin nikkunsidraw li din il-proprjetà taqa' taħt l-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi din kienet a *rural lease* … … … jidher mir-*records* illi għandna illi qabel Emanuel Portelli l-Inkwilin kien Angelo Portelli."

»Sussegwentement fix-xhieda tiegħu tat-30 ta' April 2008 isostni kif isegwi:

> »"Meta l-art ġiet għand l-Uffiċċju Konġunt mingħand il-Knisja, aħna kellna diġà lil Emanuel Portelli bħala inkwilin u kienet titħallas qbiela skont ir-*record* li għandna. Kien għalhekk illi b'applikazzjoni tal-Kap. 199 aħna li stajna nirrkonoxxu kienet il-mara tiegħu u mhux ħutu. Id-dikjarazzjoni li Giuseppa Portelli kienet baqgħet toqgħod fid-dar kellna, però kif għidt, minħabba l-provvedimenti tal-Kap. 199, kellna nirrikonoxxu lill-mara tiegħu."

»Jirriżulta li l-kawża odjerna appuntu nfetħet mill-attriċi bl-għan li din il-qorti tiddikjara d-deċiżjoni tal-konvenut kif prodotta fl-ittri msemmija datati 9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru, 2007 "bħala deċiżjoni mogħtija abbużivament in kwantu hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija waħda kontra il-liġi, diskriminatorja u *ultra vires*". Konsegwentement l-attriċi titlob li tiġi annullata u rexissa tali deċiżjoni u tordna lid-direttur sabiex jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu.

»L-ittri li tagħhom qed tintalab li tiġi dikjarata n-nullità u rexissjoni jaqraw kif isegwi:

»(i) L-ittra datata 9 ta' Lulju 2007:

> »"Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek datata 28 ta' Ġunju 2007 f'isem Ġużeppa Portelli rigward ir-raba' hawn fuq imsemmi u r-razzett relatat.
>
> »"Nixtieq ninfurmak li l-proprjetà hawn fuq imsemmija ġiet trasferita lill-Gvern mill-Knisja bi qbiela f'isem Emanuel Portelli. It-trasferiment fuq il-mara ta' Emanuel, Belinja, saret skont Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

> »"Jiddispjaċini ninfurmak li t-talba ta' Ġużeppa ma' tistax tiġi milqugħa minħabba li ma għandiex dixxendenza linejari ma' Emanuel."

»L-ittra hija ffirmata minn ċertu Ramon Francalanza għan-nom tad-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt.

»(ii) L-ittra datata 3 ta' Ottubru, 2007 taqra kif isegwi:

> »"B'referenza għall-ittra tiegħek tat-13 ta' Settembru 2007 u tal-20 ta' Lulju 2007, nixtieqek illi terġa' tirreferi għall-ittra mibgħuta lilek fid-9 ta' Lulju 2007, fejn inti ġejt diġà infurmat uffiċċjalment bil-posizzjoni tad-dipartiment, kemm għar-rigward tat-titolu tal-proprjetà kif ukoll rigward it-talba tal-klijenta tiegħek."

»L-ittra hija ffirmata mid-direttur innifsu s-Sur Joseph Sciriha.

»Apparti l-ittri suesposti fl-atti ġiet esebita ittra uffiċċjali ondirizzata li Paul Piscopo għan-nom ta' l-attriċi Ġużeppa Portelli datata 29 ta' Novembru, 2007 fejn għal darb'oħra d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt jiddefendi l-posizzjoni tiegħu kif isegwi:

> »"L-imsemmija Ġużeppa Portelli ma għandha l-ebda dritt li titlob li tiġi rikonoxxuta bħala l-inkwilina tal-fond … Nadur u raba' annessa miegħu … fin-Nadur, u dan peress li, kif kien ġie spjegat lilha f'żewġ ittri separati datati 9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007, il-fond in kwistjoni huwa fond rustiku li flimkien mar-raba' hawn fuq imsemmi huwa soġġett għall-qbiela li jista' biss jiġi mġedded skont kif provdut fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Att jipprovdi ordni ta' preferenza bejn dawk il-persuni li jistgħu jkollhom il-kirja mgħoddija lilhom wara l-mewt tal-kerrej li kien rikonoxxut fuq l-imsemmi raba'.
>
> »"L-artikolu 2 tal-Kapitolu 199 jgħid li wara l-mewt tal-kerrej il-kirja tal-art tgħaddi lil dak il-membru tal-familja li, matul l-aħħar sena minnufiħ qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien jaħdem ir-raba' miegħu. Skont l-istess artikolu membru tal-familja jirreferi għall-axxendenti lineari, armla jew armel u għaldaqstant Ġużeppa Portelli peress li tiġi oħt il-kerrej ma tistax tiġi rikonoxxuta flok Emanuel Portelli, li kien il-kerrej rikonoxxut mill-Arcidjocesi ta' Malta fuq il-fond u l-art imsemmija u li susseg-wentement ġiet mgħoddija lill-Uffiċċju Konġunt.
>
> »"Għal din ir-raġuni l-esponent wara l-mewt ta' Emanuel Portelli irrikonoxxa lil martu Belinia Portelli peress li hi kienet dik il-membru tal-familja li kienet tgħix miegħu fl-aħħar sena qabel il-mewt tiegħu."

»Bażi legali:

»Għal dik li hija bażi legali l-partijiet kollha jaqblu li l-art in kwistjoni hija suġġetta għall-qbiela u għalhekk japplika l-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

»B'mod partikolari l-artikolu tal-Kap. 199 rilevanti għall-każ odjern u li jagħmlu referenza għalih iż-żewġ partijiet fis-sottomissjonijet tagħhom huwa l-artikolu 2 fejn tingħata tifsira ta' 'kerrej' u 'membru tal-familja' kif isegwi:

> »"'kerrej' tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt

> tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament għal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma għandha titqies f'dik ir-relazzjoni bħala li jkollha l-istess tifsir bħal kerrej fl-estensjoni sħiħa tiegħu'
>
> »"'membru tal-familja' tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej"

»Fis-sottomissjonijiet tal-attriċi, għalkemm issir analiżi tal-fatti kif applikabbli taħt id-definizzjoni ta' kerrej, din issir fil-mument li miet Angelo Portelli *cioè* missier l-attriċi u Emanuel Portelli lura fis-sena 1974 u mhux fil-mument li ttieħdet id-deċiżjoni mid-direttur konvenut. Il-qorti tirrileva li, għalkemm huwa minnu li jekk wieħed kellu jħares lejn dak il-mument sabiex japplika l-Kap. 199, din il-qorti ma għandha l-ebda dubju li allura Ġużeppa Portelli kienet tikkwalifika sabiex tiġi rikonoxxuta bħala kerrejja *stante* li kienet tirrisjedi fir-razzett in kwistjoni u tagħmel użu mir-raba', jekk mhux waħeda almenu ma' ħuha Emanuel Portelli li kif ingħad ma hemmx kontestazzjoni li wkoll kien jaħdem ir-raba' ma' missieru. Jirriżulta iżda li fil-mument li r-raba' ġiet rikonoxxuta favur Emanuel Portelli biss id-deċiżjoni dak iż-żmien ittieħdet mill-Knisja u mhux mid-direttur konvenut odjern.

»Jirriżulta wkoll li meta l-proprjetà għaddiet għand il-Gvern ta' Malta din għaddiet mingħand il-Knisja bħala li kienet tirrikonoxxi biss lil Emanuel Portelli bħala l-kerrej (anki jekk jista' jingħad ġiet ingannata f'tali deċiżjoni *in vista* li l-firma ta' Ġużeppa Portelli fuq l-iskrittura li għamlitha possibbli li l-kirja tinqaleb fuq Emanuel Portelli ġiet dikjarata bħala falza minn din il-qorti diversament preseduta). L-istat ta' fatt li għadda għand il-Gvern ta' Malta u għalhekk għand id-direttur konvenut kien li Emanuel Portelli kien l-uniku kerrej rikonoxxut. L-istess konvenut konsegwenti għall-mewt ta' Emanuel Portelli ġie mitlub jirrikonoxxi lil martu u l-eredi tiegħu dixxendenti lineari u *cioè* uliedu bħala l-kerrejja. F'dan il-mument id-direttur konvenut ġie infurmat permezz ta' dikjarazzjoni ta' mart il-mejjet Emanuel Portelli u *cioè* Beligna Portelli li Ġużeppa Portelli kienet tirrisjedi fir-razzett u li kienet ilha tagħmel hekk sa minn meta twieldet iżda *nonostante* din id-dikjarazzjoni u *in vista* ta' dak li timponi l-liġi fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, id-direttur ipproċeda sabiex jirrikonoxxi lil mart u wlied Emanuel Portelli.

»L-attriċi tattakka din id-deċiżjoni kif notifikata lilha permezz tal-ittri datati 9 ta' Lulju, 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 u xejn aktar. Tattakka din id-deċizjoni mhux għaliex oriġinarjament il-Knisja kienet ġiet ingannata sabiex tirrikonoxxi lil Emanuel Portelli (b'referenza ghall-iskrittura datata 25 ta' Ġunju, 1978) iżda għaliex l-attriċi ssostni fit-talba tagħha li d-direttur konvenut ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija waħda kontra il-liġi, diskriminatorja u *ultra vires*.

»Il-mod kif id-direttur konvenut wasal għad-deċiżjoni tiegħu huwa spjegat b'mod ampju fl-ittra uffiċċjali tiegħu ikkwotata aktar 'il fuq. L-attriċi fil-provi mressqa minnha u fis-sottomissjonijiet tagħha mkien ma tat xi ħjiel fejn id-direttur konvenut seta' aġixxa kontra l-liġi b'mod diskriminatorju jew *ultra vires* il-poteri tiegħu; anzi jirriżulta li d-direttur konvenut applika kelma b'kelma dak li tgħid il-liġi fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 u kien għalhekk li wasal sabiex jirrikonoxxi bħala kerrej lill-eredi ta' Emanuel Portelli u mhux lill-attriċi. F'dan l-istadju din il-qorti tagħmel

referenza għal dak sottomess mill-abbli difensur tad-direttur konvenut fis-sottomissjonijiet tiegħu kif isegwi:

»"Ġaladarba ġie stabbilit illi l-inkwilin kien proprju Emanuel Portelli hekk kif rikonoxxut mill-Knisja, dak li kien imiss huwa illi l-esponent jirrikonoxxi l-inkwilin wara l-mewt ta' Emanuel Portelli *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Difatti l-esponent irrikonoxxa l-eredi tal-istess Emanuel kif ukoll il-persuni li kienu jaħdmu r-raba mertu ta' din il-kawża.

»"Ġaladarba l-esponent mexa kelma b'kelma ma' liġi, hija assurda l-allegazzjoni tal-attrici illi d-deċiżjoni tiegħu kienet abbużiva in kwantu meħuda kontra l-liġi u msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti għaliex di fatti id-deċiżjoni ttieħdet abbażi tal-liġi.

»"*Di più* ma seta' ġie applikat l-ebda diskriminazzjoni fid-deċiżjoni tal-esponent ġialdarba d-deċiżjoni hija waħda meħuda in linja mal-parametri tal-liġi.

»"Aktar minn hekk, id-deċiżjoni tal-esponent qatt ma setgħet tkun *ultra vires* għaliex kemm il-fatt illi l-esponent huwa proprjetarju tal-istess fond, u dan huwa konfermat mill-attriċi u huwa fatt paċifiku, kif ukoll *ai termini* tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jispetta lill-esponent jieħu dik id-deċiżjoni li ċertament kienet *intra vires*.

»"L-esponent qatt ma seta' abbażi tal-liġi ċitata jirrikonnoxxi l-attriċi bħala inkwilina. Anzi jingħad mingħajr preġudizzju u għall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso*, illi li kieku l-esponent ħa d-deċiżjoni li jirrikonnoxxi lill-attriċi bħala inkwilina, dik id-deċiżjoni kienet tkun waħda kontra l-liġi u abbużiva.

»"… … … ġaladarba l-qbiela dejjem kienet imħalsa mill-inkwilini hekk kif rikonoxxuti, dan il-fatt wkoll jitfa' dawl fuq min difatti kien qiegħed jieħu ħsieb ir-razzett u r-raba', u min eventwalment ġie rikonoxxut bħall-inkwilin tal-istess."

»"I. Stħarriġ ġudizzjarju *ai termini* tal-artikolu 469A (1)(*b*) (iii) u (iv) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta

»"Jibda biex jingħad li minkejja illi l-attriċi intavolat proprju kawża għal stħarriġ ġudizzjarju għad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, fil-mori tal-kawża l-ebda prova ma nġabet quddiem dina l-qorti illi d-deċiżjoni tal-esponent hija waħda mogħtija abbużivament in kwantu bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija waħda kontra l-liġi, diskriminatorja u *ultra vires*, anzi, l-attriċi qiegħda tallega illi l-mankat rikonoxximent tagħha bħala inkwilina hija dovuta għall-azzjonijiet frawdolenti tal-intervenuta fil-kawża.

»"Din il-konsiderazzjoni tiġi kkonfermata mill-kontenut tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attriċi fejn is-sottomissjonijiet tal-attriċi huma diretti lejn l-intervenuta fil-kawża u l-allegati azzjonijiet frawdalenti tal-istess.

»"L-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' dina l-qorti illi ġaladarba l-attriċi ppretendiet illi d-deċiżjoni tal-esponent kellha tiġi riveduta *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tal-allegazzjonijiet surreferita, hija kellha ġġib evidenza ta' dan kollu. Minkejja dan, l-attriċi għażlet minflok illi tbiddel it-tir u tikkontesta skritturi li ġew ġà analizzati minn din il-qorti fil-kawżi 105/2008 u 59/2008 fejn gie ndikat illi:

> »"'Wara li l-qorti qieset iċ-ċirkostanzi li jissemmew hawn fuq, hi tal-fehma li fuq bażi ta' probabbilità l-firma *Ġużeppa Portelli* fuq l-iskrittura tal-25 ta' Ġunju 1978 m'hijiex tal-attriċi. F'kull każ il-qorti qiegħda tagħmilha ċara li din id-deċiżjoni ma tfissirx li l-posizzjoni ta' Beligna Portelli qiegħda tiġi preġudikata, kwistjoni li għad trid tiġi determinata fil-kawża l-oħra Ġużeppa Portelli *v.* Direttur Uffiċċju Konġunt (rikors numru 127/2007)."

»"L-attriċi issa qiegħda tippretendi illi permezz ta' din il-konsiderazzjoni ċitata hawn fuq dwar l-allegat aġir frawdolenti tal-intervenuta fil-kawża, dina l-qorti għandha tordna lill-esponenti sabiex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu dwar ir-rikonoxximent tal-inkwilini mertu ta' din il-kawża. Bir-rispett dovut imma din il-pretensjoni tal-attriċi hija assurda u legalment insostennibbli.

»"Jiġi sottomess illi l-azzjoni tal-attriċi kellha *se mai* turi illi l-aġir tal-esponent kien wieħed abbużiv mentri joħroġ ċar mill-atti u provi kollha esebiti illi l-esponent fl-aħħar mill-aħħar mexa abbażi ta' dak rikjest mil-liġi u fl-ebda mument ma ħa deċiżjoni msejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.

»"Mingħajr preġudizzju għas-sottomess, *se mai* l-azzjoni tal-attriċi – u dan joħroġ ċar min-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess – qiegħda tikkontesta r-rikonoxximent li ngħata mill-Knisja fejn ċertu Dun Karm li kien għamel skrittura jgħaddi r-rikonoxximent ta' kerrej fuq ir-raba' in kwistjoni fuq Emanuel Portelli u mhux fuq Ġużeppa Portelli. Issa jekk għall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso*, wieħed jinnota xi nuqqas min-naħa tal-Knisja meta ġie mgħoddi r-raba' aktar minn erbgħin sena ilu, huwa assurd għall-ahhar illi l-esponent jiġi rinfaċċat bl-allegazzjoni illi deċiżjoni tiegħu kienet waħda abbużiva *stante* illi żgur mhux forsi l-esponent mexa hekk kif kien rikjest mil-liġi u ma kellu ebda informazzjoni ulterjuri *altro* dak li gie mgħoddi lilu mill-proprjetarji preċedenti.

»"Dak li issa qiegħda tittenta l-attriċi jmur pass *oltre* stħarriġ ġudizzjarju tad-direttur esponenti għaliex di fatti l-attriċi qiegħda tikkontesta r-rikonoxximent ta' kerrej fuq ir-raba' in kwistjoni kif ġie mgħoddi mill-Knisja (proprjetarji preċedenti) għall-inkwilin Emanuel Portelli u mhux kif ġie mgħoddi mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt (propjetarji preżenti) għall-inkwilini preżenti.

»"F'dan ir-rigward l-esponent jagħmel referenza għat-talbiet attriċi fejn qiegħed jiġi mitlub illi dina l-qorti tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-esponenti kif prodotta fl-ittri tad-9 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 hija abbużiva. Għaldaqstant il-qorti hija marbuta li tagħmel stħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċizjoni. F'din il-kawża mhux qed jintalab stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Knisja li ddawwar il-qbiela minn fuq Angelo Portelli għal fuq Emanuel Portelli iżda biss tad-deċiżjoni tal-konvenuti li ddawwar il-qbiela minn fuq Emanuel Portelli fuq l-eredi tiegħu u mhux fuq Ġużeppa Portelli.

»"L-esponent iddeċieda mill-premessa li l-qbiela kienet fuq Emanuel Portelli u applika l-liġi, senjatament il-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu. … L-attriċi Ġużeppa Portelli ċertament ma taqax fil-parametri ta' dak li trid il-liġi.

»"Għaldaqstant l-azzjoni attriċi, għalkemm fil-premessi tagħha u fir-rikors promotur tattakka l-aġir tal-esponent u d-deċiżjoni surreferita, fil-verità ma ġiex muri illi d-deċiżjoni tal-esponent

> kienet waħda mogħtija abbużivament in kwantu bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll hija waħda kontra l-liġi, diskriminatorja u *ultra vires* hekk kif tallega l-attriċi.
>
> »"… … …
>
> »… … … l-esponent direttur ċertament ma kienx qiegħed jaġixxi *ultra vires* meta ħa d-deċiżjoni illi jirikonoxxi l-inkwilin fil-fond mertu ta' din il-kawża għaliex ma kinitx "lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu". Fi kliem tal-awturi DeSmith & Evans, l-esponent jirrileva illi l-azzjoni tal-attriċi hija waħda msejsa fuq '*the dislike of the manner in which the discretion itself was exercised …*' li m'hijiex '*a valid objection to the proceedings* ...'"'

»Din il-qorti taqbel bi sħiħ mas-sottomissjonijiet tad-direttur konvenut. Il-qorti wara li għarblet kelma b'kelma l-provi kollha mressqa quddiemha inkluż l-atti kollha annessi tqis li fl-ebda mument ma ġie pruvat lilha li d-deċiżjoni tad-direttur konvenut kif riportata fl-ittri tad-9 25 ta' Lulju 2007 u 3 ta' Ottubru 2007 b'xi mod kienet ibbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif issostni l-attriċi. Anzi jirriżulta mill-atti li d-direttur konvenut dam jistħarreġ it-talba sabiex il-qbiela li kienet issejjaħ lil Emanuel Portelli tinqaleb fuq martu u wliedu u saħansitra talab dikjarazzjonijiet fosthom dwar min kien jgħix fir-razzett in kwistjoni qabel ma pproċeda sabiex jieħu deċiżjoni. Wara li d-direttur ha konjizzjoni tal-fatti kollha, applika l-liġi, u *cioè* dak li jingħad fl-artikolu 2 tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u ddeċieda li jirrikonoxxi lil Beligna Portelli u l-eredi ta' Emanuel Portelli *nonostante* li kien ġie debitament infurmat li l-attriċi kienet tirrisjedi fir-razzett. Id-direttur konvenut f'dak l-istadju ma seta' qatt legalment jirrikonoxxi lill-attriċi *stante* li ma kinitx tikkwalifika bħala 'kerrej' u 'membru tal-familja' *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 199. Din il-qorti ma tistax tara kif b'xi mod il-konsiderazzjonijiet li ħa d-rirettur konvenut jistgħu jiġu deskritti bħala rrilevanti.

»L-istess jingħad għall-allegazzjoni li d-deċiżjoni tad-direttur kienet waħda diskriminatorja. Kif tista' deċiżjoni tikkwalifika bħala diskriminatorja jekk meħuda *entro* l-parametri tal-liġi fid-diskrezzjoni tad-direttur kif għandu kull dritt u obbligu li jieħu tali deċiżjoni?! Aktar u aktar ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tad-direttur konvenut kienet *ultra vires*. Parti mill-poteri u obbligi tad-direttur konvenut skont il-liġi huma appuntu li jirrikonoxxi l-kerrejja tal-qbiela fuq proprjetà tal-gvern. Fit-talba odjerna … huwa talab l-informazzjoni u ħa d-deċiżjoni finali tiegħu *entro* l-parametri tal-liġi u xejn aktar. Id-deċiżjoni tiegħu kienet tkun *ultra vires* li kieku d-direttur għażel li jirrikonoxxi lill-attriċi meta l-attriċi ma taqax *entro* l-parametri imposti fil-liġi sabiex tikkwalifika bħala 'kerrej' jew 'membru tal-familja' u mhux bil-kontra.

»Din il-qorti ma għandhiex dubju li lura meta ġie rikonoxxut Emanuel Portelli mill-Knisja bħala l-kerrej tal-proprjetà in kwistjoni setgħet seħħet inġustizzja fil-konfront tal-attriċi u dan għaliex:

»(i) ma kinitx taf x'qed jiġri minn wara dahara; u

»(ii) *ai termini* tad-deċiżjoni ta' din il-qorti diversament preseduta u li hija *res judicata* msemmija aktar 'il fuq ġiet iffalsifikata l-firma tagħha sabiex seta' sar it-trasferiment in kwistjoni.

»Iżda din il-qorti hija marbuta mat-talbiet kif esposti mill-istess attriċi fir-rikors ġuramentat u ma tistax tmur *oltre* l-istess talbiet. Huwa ċar li

> t-talbiet attriċi jattakkaw il-validità u jitolbu l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tad-direttur konvenut u mhux id-deċiżjoni preċedenti meħuda fis-snin sebgħin mill-Knisja li tirrikonoxxi biss lil Emanuel Portelli. Li kieku din il-qorti kellha tidħol f'din il-kwistjoni u tistħarreġ id-deċiżjoni tal-knisja l-qorti tkun qed taġixxi hi *oltre* l-parametri tal-kawża kif imposta mill-istess attriċi u *cioè extra petita*.
>
> »*Stante* dak kollu suespost, la darba din il-qorti fl-istħarriġ tagħha tad-deċiżjoni tad-direttur konvenut ma sabet xejn legalment ħażin fl-istess deċiżjoni li tagħha u tagħha biss qed jintalab l-istħarriġ ġudizzjaru mill-attriċi skont l-ewwel talba tagħha, din il-qorti m'għandhiex alternattiva għajr li filwaqt li tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenut bħala ġustifikati tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha attriċi.«

14. L-attriċi appellat b'rikors tat-18 ta' Ottubru 2017 li għalih wieġbu l-intervenuti fil-kawża fl-1 ta' Novembru 2017 u d-Direttur tal-Uffiċju Konġunt fit-13 ta' Novembru 2017.

*15.* Sussegwentement, wara li kiseb il-permess ta' din il-qorti, il-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt ressaq nota fil-31 ta' Mejju 2018 li biha mal-eċċezzjonijiet preċedentement mogħtija żied l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Madanakollu, qabel ma' tindirizza din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt u l-aggravji tal-appell tal-attriċi, il-qorti sejra tqis l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell imressqa mill-intervenuti fil-kawża fit-tweġiba tagħhom għall-appell tal-attriċi. Fissru din l-eċċezzjoni hekk:

> »Preliminarjament ir-rikors tal-appell huwa irritwu u null billi l-okkju ma hux in ottempranza mad-dettami tal-proċedura ċivili peress li n-numru tal-karta tal-identità ta' ebda parti ma hi indikata. Dan ir-rekwiżit stipulat taħt l-artiklu 164(1)(*b*) u (2) tal-Kapitlu 12 huwa mandatorju. Għaldaqstant in-nuqqas tan-numru tal-identità għalhekk jaffettwaw il-validità tal-imsemmi appell.»

17. Din l-eċċezzjoni hija fiergħa.

18. Qabel xejn, l-art. 164(1)(*b*) – li għalih jagħmlu referenza l-intervenuti fil-kawża – ma jeżistix fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

19. Minbarra dan, l-art. 164 tal-istess kodiċi jimponi n-nullità biss "jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor", artikolu li mhu tal-ebda relevanza fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum.

20. L-artikoli relevanti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma l-art. 142 *et seq.*, u lanqas dawn ma jimponu n-nullità bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' tħaris dak li jridu[1].

21. L-eċċezzjoni ta' nullità hija għalhekk miċħuda.

22. Il-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis flimkien l-argumenti li tressqu fl-ewwel aggravju tal-attriċi, dwar l-apprezzament tal-provi, u dawk li tressqu fin-nota tal-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt tal-31 ta' Mejju 2018 li biha ressaq l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

23. L-ewwel aggravju tal-attriċi ġie mfisser hekk:

> »F'din il-kawża dak li qed tiġi attakkat huwa d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċju Konġunt kif mogħtija fl-ittri tiegħu tad-9 ta' Lulju tal-2007, u tat-3 ta' Ottubru tal-2007. Dawn l-ittri saru in segwitu għal talbiet li għamlet l-attriċi fejn wara li ppreżentat il-fatti veritieri wriet illi kien hemm illegalità u inġustizzja fejn min kien ħa l-kirja kien ħadha b'qerq, u talbet illi d-deċiżjoni li dik il-persuna tkun rikonoxxuta fil-kirja tiġi riveduta u mħassra. Id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt irrifjuta li jagħmel dan. Hija din id-deċiżjoni li qed tiġi attakkata, u *cioè* r-rifjut tal-konvenut li jaġixxi wara l-ittri tat-28 ta' Ġunju tas-sena 2007 u l-oħra tat-13 ta' Settembru 2007.
>
> »Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel qorti, m'hijiex id-deċiżjoni meħuda lura fis-sena 1978 li qiegħda tiġi attakkata. Dik id-deċiżjoni diġà kien hemm ġudikat dwarha minn din il-Qorti tal-Appell, fejn ġie dikjarat illi l-iskrittura li permezz tagħha sar ir-rikonoxximent fil-kirja ta' Emanuel Portelli kienet waħda li tikkontjeni firem foloz, speċifikament il-firma tal-attriċi odjerna li ġiet iffalsifikata.

[1] Art. 143(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

»Permezz tal-ittra tagħha tal-2007 l-attriċi Ġużeppa Portelli kienet ġiebet a konjizzjoni tal-konvenut diversi fatti sostanzjati b'dokumenti, inklużi estratti mir-Reġistru Elettorali, u fejn ukoll semmiet ċertu fatti fejn hi ġiet frodata mill-intervenuti fil-kawża jew predeċessuri tagħhom meta l-kirja li kienet tispetta lilha, b'mod qarrieq, ġiet imdawwra fuq isimhom.

»It-talbiet fis-sena 2007 saru lill-Uffiċju Konġunt bħala suċċessur tal-Knisja għalhekk bilfors kellhom isiru lill dan id-dipartiment. Meta l-Uffiċju Konġunt ġie rinfaċċat b'sitwazzjoni fejn kienet qed tinġibidlu l-attenzjoni għal illegalità u anke frodi tad-drittijiet ma setax jaħrab mir-responsabbilità u jieħu deċiżjoni billi sempliċament jgħid li t-trasferiment fuq l-intervenuti fil-kawża jew predeċessuri tagħhom sar in segwitu u skond il-proveddimenti tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik ma kinitx ir-risposta li kellha tingħata f'dan il-każ. Ir-risposta li kellha tingħata f'dan il-każ kien jekk *in vista* tal-fatti li ġew provduti lilu l-Uffiċju Konġunt kienx dispost jirrevedi r-rikonoxximent li kien sar snin qabel. Iżda d-deċiżjoni tal-Uffiċju Konġunt la kienet waħda li jirrevedi u lanqas li ma jirrevedix iżda li jfarfar ir-responsabbilità u jikkampa biss taħt l-iskuża tal-Kap. 199 li fiċ-ċirkostanzi kien għal kollox irrelevanti.

»Jidher illi l-ewwel qorti lanqas fehmet dan l-argument u lanqas fehmet illi dak li kienet qiegħda tattakka l-attriċi kienet d-deċiżjoni meħuda f'dawk iż-żewġ ittri tas-sena 2007, u *cioè* li l-konvenut Uffiċju Konġunt ma jagħmel xejn u ma jirrevedix fuq it-talba li saritlu.

»Ma huwa mkien ikkontestat illi dak li sar kemm mill-Knisja, kif ukoll sussegwentement, sar kollu in segwitu u skond il-provvedimenti tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda l-esponenti temmen u ssostni illi *in vista* tal-fatti li hi skopriet fis-sena 2007 u li ġabet a konoxxenza tal-konvenut fis-sena 2007, dak kellu l-obbligu illi jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

»L-esponenti temmen illi meta l-konvenut bagħat l-ittra tiegħu tad-9 ta' Lulju tal-2007, u dik tat-3 ta' Ottubru tal-2007 huwa aġixxa kemm kontra l-liġi kif ukoll ibbaża d-deċiżjoni tiegħu hemm espressa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti. Dwar il-konsiderazzjonijiet irrelevanti jingħad illi r-referenza għall-Kap. 199 kienet għal kollox superfluwa billi dak li kien qed jiġi attakat ma kienx ir-rikonoxximent li sar skond il-Kap. 199, sakemm il-konvenut kien għadu in bona fede u kien għami għal fatti vera u proprja. Il-konsiderazzjoni relevanti kienet jekk hu kellux jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu meħuda snin qabel *in vista* tal-fatti li ġew preżentati quddiemu fis-sena 2007 u li kienu juru li dak li seħħ preċedentament ma kienx veritier u ġust.

»Id-deċiżjoni tal-konvenut hija wkoll kontra l-liġi għaliex filwaqt illi huwa għażel li ma jiddeċidix meta kien obbligat illi jiddeċiedi fuq il-fatti li ġew preżentati quddiemu; l-istess fatti li ġew preżentati quddiemu kienu jitolbu illi l-konvenut iħassar dak ir-rikonoxximent li kien għamel tal-intervenuti fil-kawża u l-predeċessuri tagħhom fit-titolu u jirrikonoxxi f'din il-kirja lil Ġużeppa Portelli. Meta naqas minn li jagħmel dan il-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt aġixxa kontra l-liġi.

»Dawn iż-żewġ punti biss, u *cioè* li d-deċiżjoni kienet meħuda fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, kif ukoll kontra l-liġi huma suffiċjenti sabiex l-ewwel qorti tisħarreġ l-għemil amministrattiv tal-konvenut u tordnalu jerġa' jirrikonsidraħ.

»Fin-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata quddiem l-ewwel qorti hemm sottomissjonijiet ċari li juru għalfejn u *in vista* tal-provi miġjuba minn Ġużeppa Portelli fis-sena 2007 il-konvenut kien fid-dmir illi jirrevedi d-deċiżjoni meħuda preċedentament u jirrikonoxxi lill-istess Ġużeppa Portelli. Meta ma għamel xejn minn dan il-konvenut kien qed jikser il-liġi.

»Għaldaqstant fid-deċiżjoni tal-ewwel qorti ma ingħad xejn xi jġegħelha tordna lill-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt sabiex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu meħuda fl-ittri tad-9 ta' Lulju tal-2007, u dik tat-3 ta' Ottubru tal-2007 fejn għażel li ma jindirzzax il-lamenteli u l-fatti li ġew a konjizzjoni tiegħu, m'hijiex waħda korretta u timmerita reviżjoni minn din il-qorti.«

24. Fin-nota tiegħu tal-31 ta' Mejju 2018 il-konvenut Direttur tal-Uffiċju Konġunt fisser l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu hekk:

»L-eċċezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni *ai ter*mini tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, *stante* illi stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv taħt dan l-istess artikolu hu suġġett għall-perjodu ta' dekadenza ta' sitt xhur. Peress li din l-kawża ġiet intavolata wara dan it-terminu, għalhekk l-azzjoni ma tistax titkompla.«

25. Fir-risposta tal-appell tiegħu tat-13 ta' Novembru 2017 id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt kompla jfisser din l-eċċezzjoni tiegħu hekk:

»1. Skont artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt dan l-istess artikolu huwa ta' sitt xhur.

»... … …

»3. Skont il-provi prodotti jidher li d-deċiżjoni li qed tiġi attakkata hija d-deċiżjoni ta' nhar it-30 ta' Marzu 1996 fejn l-eredi ta' Emanuel Portelli talbu lill-Uffiċju Konġunt sabiex il-kirja tal-art tinqaleb fuq isimhom.

»4. Permezz ta' ittri mibgħuta lil Ġużeppa Portelli datati id-9 ta' Lulju 2007 u t-3 t'Ottubru 2007, id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt kulma għamel hu li kkonferma l-pożizzjoni tiegħu wara li kienet preċidentament ittieħdet deċiżjoni fl-1996.

»5. L-appellanti stess tidher li għandha l-istess fehma fuq dan tant fir-rikors ġuramentat tal-istess Ġużeppa Portelli hija saħqet is-segwenti:

> »"il-konvenut irritena din il-pożizzjoni u nforma b'dan lill-attriċi permezz ta' ittra tad-9 ta' Lulju tal-2007, kif ikkonfermata permezz ta' ittra oħra tat-3 ta' Ottubru tal-2007."

»6. Għalhekk id-Direttur tal-Uffiċju Konġunt ma ħa l-ebda deċiżjoni fl-2007 tant li dik id-deċiżjoni meħuda fl-1996 hija *in vigore*. … … …

»7. Minħabba l-fatt li l-azzjoni taħt artikolu 469A hija waħda b'terminu ta' sitt xhur, id-deċiżjoni li hija *in vigore* ma tistax tiġi kkontestata. Għal dan il-għan ma' din ir-risposta ta' appell qed jiġi ntavolat rikors fejn qed jiġi kkontestat dan fuq kwistjoni preliminari anki fi stadju ta' appell.

»8. Ikunargument bla bażi min-naħa tal-appellanta jekk hija tisħaq li ma kinitx taf favur min kienet konċessa l-kirja tal-qbiela tar-raba' u r-razzett mertu tal-kawża appellata. Dan il-għaliex, sad-data ta' meta nfetħet il-kawża, l-appellanta kellha madwar tletin sena sabiex tgħarbel favur min kienet konċessa l-kirja tal-qbiela.

»9. … … … fl-eventwalità u għall-grazzja tal-argument anki li kieku l-Qorti tal-Appell kellha taċċetta t-talbiet tar-rikors promotur u *cioè* li tiġi ddikjarata nulla 'd-deċiżjoni' li ttieħdet fl-ittra datata d-9 ta' Lulju 2007, il-qorti kull ma tista' tagħmel f'dan il-każ hu li tannulla 'd-deċiżjoni' tal-2007 u mhux dik tal-1996. Għalhekk anki f'każ li d-deċiżjoni tal-2007 tiġi annullata minn din il-Qorti tal-Appell, id-deċiżjoni meħuda fl-1996 u *cioè* li Beligna Portelli hi rikonoxxuta bħala inkwilina tal-proprjetà in kwisjtoni trid tibqa' fis-seħħ u qatt ma tista' tiġi kkontestata. Dan għaliex din id-deċiżjoni ttieħdet iktar minn 20 sena ilu u għalhekk id-dekadenza ta' sitt xhur fuq din l-azzjoni bla dubju hija preskritta.

»10. Għalhekk, … … … għax il-kawża hija waħda ibbażata fuq l-artikolu 469A, il-mod ta' kif din il-kawża hija intavolata, ma tistax tiġi ribaltata lanqas indirettament b'din il-kawża.«

26. Għandu jingħad qabel xejn illi ma huwiex minnu dak li tgħid l-attriċi fir-rikors tal-appell illi "f'din il-kawża dak li qed jiġi attakkat huwa d-deċiżjoni tad-Direttur tal-Uffiċju Konġunt kif mogħtija fl-ittri tiegħu tad-9 ta' Lulju tal-2007) u tat-3 ta' Ottubru tal-2007".

27. Għalkemm huwa minnu illi fl-ittri hawn fuq imsemmija d-Direttur tal-Uffiċju Konġunt ħa "deċiżjoni" dwar it-talba ta' Ġużeppa Portelli *i.e.* iddeċieda illi din ma għandha l-ebda dritt li tiġi magħrufa bħala inkwilina tar-raba' u tar-razzett, din id-deċiżjoni ttieħdet biss bħala konsegwenza inevitabbli tad-deċiżjonijiet l-oħra li kienu ttieħdu fl-imgħoddi dwar l-istess raba' u razzett.

28. Fi kliem ieħor, din id-deċiżjoni *i.e.* li Ġużeppa ma setgħetx tiġi magħrufa bħala inkwilina, ittieħdet għax li wara li ġie nieqes missierha Angelus Portelli l-kirja ma nqalbitx fuqha iżda nqalbet biss fuq ħuha Emanuel Portelli u kien l-istess Emanuel Portelli li baqa' jiġi magħruf bħala inkwilin

waħdu tar-raba' u tar-razzett għal diversi snin, u dan minkejja li mill-provi jirriżulta b'mod ċar li l-attriċi Ġużeppa Portelli (llum mejta) kienet tgħix fir-razzett in kwistjoni u x'aktarx li wkoll kienet taħdem parti mir-raba' li jinsab madwar l-imsemmi razzett, u rriżulta wkoll illi l-firma li turi l-kunsens tagħha biex il-qbiela tinqaleb fuq Emanuel Portelli kienet falza. Iżda biex setgħet tiġi magħrufa Ġużeppa Portelli kellha qabel xejn titħassar id-deċiżjoni meħuda ħafna żmien qabel li l-kiri jinqaleb fuq ħuha Emanuel waħdu.

29. Meta, fis-sena 2007, id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt irċieva t-talba tal-attriċi Ġużeppa Portelli sabiex din tiġi maħgrufa bħala inkwilina, hu ma setax jilqa' t-talba tagħha peress li, għalkemm meta ġie nieqes missierha setgħet tikkwalifika bħala "kerrej" taħt l-art. 2 tal-Kap. 199, dan ma kienx għadu l-każ fis-sena 2007.

30. Meta tagħsar il-provi kollha prodotti f'din il-kawża din il-qorti m'għandha l-ebda dubju li r-raġuni ewlenija jekk mhux waħdanija għaliex Ġużeppa Portelli fetħet din il-kawża kienet sabiex tattakka żewġ deċiżjonijiet: l-ewwel deċiżjoni hija dik li kienet ittieħdet fl-1993 mill-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt – meta l-art ġiet trasferita lill-Gvern mill-Knisja – li biha Emanuel Portelli ġie magħruf bħala inkwilin waħdu tar-raba' u tar-razzett; it-tieni deċiżjoni hija dik li kienet ittieħdet mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt fis-sena 1996 li biha mart Emanuel Portelli – Benigna Portelli – ġiet magħrufa bħala inkwilina minflok żewġha Emanuel Portelli wara li ġie nieqes l-istess Emanuel Portelli.

31. Fil-fatt fir-rikors tal-appell tagħha l-attriċi stess tgħid illi "dawn l-ittri saru in segwitu għal talbiet li għamlet l-attriċi fejn wara li ppreżentat il-fatti veritieri wriet illi kien hemm illegalità u inġustizzja fejn min kien ħa l-kirja kien ħadha b'qerq, u talbet illi d-deċiżjoni li dik il-persuna tkun rikonoxxuta fil-kirja tiġi riveduta u mħassra".

32. Fl-istess rikors tal-appell tagħha tkompli tgħid hekk:

> »... ... ... iżda l-esponenti temmen u ssostni illi *in vista* tal-fatti li hi skopriet fis-sena 2007 u li ġabet a konoxxenza tal-konvenut fis-sena 2007, dak kellu l-obbligu illi jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

33. Fl-ittra tiegħu tat-28 ta' Ġunju 2007 l-avukat tal-attriċi wkoll qal hekk:

> »... ... ... F'dan ir-raba' hemm id-dar tal-esponenti fl-indirizz fuq imsemmi f'liema dar il-klijenta tiegħi tgħix regolarment u ilha għal numru konsiderevoli ta' żmien anzi tul ħajjitha kollha tgħix f'dan il-fond. Irriżulta illi dan il-fond wara l-mewt ta' missierha, li kien l-inkwilin ta' dan ir-raba' u fond, id-dar daret fuq ħuha Emanuel Portelli.
>
> »Fl-14 ta' Mejju 1993 kienet inkitbet ittra lilek Direttur tal-Uffiċju Konġunt, permezz tal-avukat, il-mibki Dr Micheal Grech, fejn kien intalab illi l-qbiela ta' dan ir-raba' u fond tiġi mdawra fuq din oħtu Ġużeppa Portelli li kienet il-persuna li kienet qiegħda tagħmel użu minn l-inkwilina. F'dik l-ittra ssir referenza għal fatt ukoll illi xi żmien qabel l-istess Emanuel Portelli kien għamel talba ukoll lill-Kurja Veskovili li kienet tiegħu ħsieb dan ir-raba' qabel ma għadda f'idejk. Sfortunatament għal ittra tal-14 ta' Mejju 1993 mhux biss ma ttieħdet l-ebda azzjoni iżda l-anqas biss ingħatat risposta.
>
> »Ġara illi riċentament il-qbiela flok ġiet imdawwra fuq Ġużeppa Portelli, il-persuna li qed tuża r-raba' u l-fond, skond l-istess xewqa ta' Emanuel Portelli, din ir-raba' ġiet imdawwra fuq ċerta Belinia Portelli li tiġi mart dan Emanuel Portelli.
>
> »Għaldaqstant qed niktiblek din l-ittra u nitolbok biex tikkonsidra l-pożizzjoni fit-talba tal-ittra imsemmija tal-14 ta' Mejju 1993 u b'effett immedjat tordna illi l-irċevuti tal-qbiela jibdew joħorġu fuq isem l-inkwilina proprja Ġużeppa Portelli.«

34. Għalkemm jista' jkun il-każ li l-attriċi oriġinali fil-każ tal-lum – Ġużeppa Portelli – ma kinitx taf bid-deċiżjoni tal-Knisja li tagħraf lil ħuha Emanuel Portelli bħala inkwilin waħdu minnufih wara li ttieħdet l-istess deċiżjoni u ġiet komunikata lil Emanuel Portelli *i.e.* fl-aħħar xhur tas-sena 1978, hi

ċertament li kienet taf bid-deċiżjoni tal-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt fis-sena 1993, tant hu hekk li fl-14 ta' Mejju 1993 kienet bagħtet ittra permezz tal-avukat tagħha ta' dak iż-żmien fejn talbitu sabiex jagħrafha bħala inkwilina.

35. Mill-provi jidher li l-attriċi Ġużeppa Portelli (llum mejta) kienet ukoll taf bid-deċiżjoni l-oħra li ttieħdet mid-Direttur tal-Uffiċju Konġunt fil-1 ta' Lulju 1996 li biha ġiet maħgfufa bħala inkwilina Benigna Portelli. Fil-fatt fir-rikors promotur tagħha l-attriċi tgħid hekk:

> »Wara l-mewt ta' Emanuel Portelli l-attriċi kitbet diversi drabi lill-Uffiċċju Konġunt sabiex jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu u jibda jirrikonoxxi lill-attriċi bħala inkwilina jew għal inqas ko-inkwilina ta' din l-art u razzett. Madanakollu d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt baqa' jirrifjuta li jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt u, minkejja li inġabu quddiemu diversi provi dwar il-veraċita tal-pożizzjoni ta' l-attriċi, il-konvenut baqa' jwebbes rasu u ma jirrikonoxxix lill-attriċi bħala inkwilina jew ko-inkwilina ta' din l-art jew razzett.«

36. Peress li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ittieħdu mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt ħafna snin qabel ma nfetħet il-kawża tal-lum, u l-attriċi Ġużeppa Portelli kienet ukoll taf bihom ħafna aktar minn sitt xhur qabel ma nfetħet il-kawża, l-eċċezzjoni ta' dekadenza li tressqet mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tintlaqa' dwar dawn iż-żewġ deċiżjonijiet hawn fuq imsemmijin tal-istess konvenut.

37. Din il-qorti fil-verità tista' tieqaf hawn – għaliex, kif ingħad aktar 'il fuq, l-għan waħdieni wara din il-kawża huwa sabiex id-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu fl-imħgoddi mill-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt dwar min għandu jkun magħruf bħala "kerrej" tar-raba' u razzett jiġu mħassra u / jew riveduti.

38. Madanakollu, ankelikieku din il-qorti kellha tqis id-"deċiżjoni" li ttieħdet mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt fl-ittri tiegħu tad-9 ta' Lulju 2007 u tat-3 t'Ottubru 2007 bħala deċiżjoni ġdida u *cioè* li ma kinitx marbuta mad-deċiżjonijiet li kienu ttieħdu qabel, l-attriċi naqset milli tressaq provi fis-sens li d-deċiżjoni l-"ġdida" li ttieħdet kienet ibbażata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti jew li l-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt aġixxa kontra l-liġi, *ultra vires* jew b'mod diskriminatorju jew illegali meta wasal għal din id-deċiżjoni kif tallega l-istess attriċi fir-rikors tal-appell tagħha.

39. Anzi, din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt mexa sew u kif trid il-liġi fit-teħid tad-deċiżjoni tiegħu u dan peress li kif ingħad aktar 'il fuq fis-sena 2007 l-attriċi fil-każ tal-lum ma setgħetx titqies bħala "kerrej" taħt l-art. 2 tal-Kap. 199.

40. Fid-dawl ta' dan kollu ma hemmx raġunijiet tajba u biżżejjed biex din il-qorti ma taqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, li kienet waħda tajba u ġusta fiċ-ċirkostanzi. Jista' jkun li l-attriċi ġarrbet inġustizzja, iżda l-proċeduri li għażlet biex tikseb rimedju għal din l-inġustizzja ma kinux dawk li jgħoddu għall-każ.

41. L-ewwel aggravju tal-attriċi għalhekk għandu jiġi miċħud. Il-qorti sejra wkoll tilqa' l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mressqa mill-konvenut Direttur tal-Uffiċċju Konġunt.

42. It-tieni aggravju tal-attriċi appell jolqot il-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji tal-intervenuti fil-kawża, u ġie mfisser hekk:

> »… … … id-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż m'hijiex waħda korretta *stante* illi l-attriċi ma setgħet qatt tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża *stante* illi l-intervent tagħhom fil-kawża ma kien ta' l-ebda kontribut fid-deċiżjoni ta' din il-kawża u kien merament għal kapriċċ tagħhom.
>
> »L-esponenti fil-fatt temmen li bla preġudizzju għal dak ġia sottomess, tmur fejn liema naħa tmur din il-kawża, l-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża għandhom jagħmlu tajjeb għalihom huma.«

43. Dan it-tieni aggravju tal-attriċi huwa tajjeb, għalkemm mhux għar-raġuni mogħtija fir-rikors tal-appell. L-intervenuti fil-kawża la huma atturi u lanqas konvenuti, u għalhekk la huma rebbieħa u lanqas telliefa; la jistgħu jiġu kundannati jħallsu l-ispejjeż ta' parti fil-kawża u lanqas parti fil-kawża ma tista' tiġi kundannata tħallas l-ispejjeż tagħhom. L-ispejjeż ta' min jagħżel li jintervjeni f'kawża bejn terzi jħallashom hu.

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li tilqa' l-eċċezzjoni ta' dekadenza mressqa mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt, tiċħad l-appell tal-attriċi dwar il-meritu iżda tilqgħu dwar l-ispejjeż. Tirriforma s-sentenza fil-parti dwar l-ispejjeż billi tordna li l-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell tħallashom l-attriċi appellanti, b'dan iżda li l-intervenuti fil-kawża jħallsu l-ispejjeż kollha tagħhom. Tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da